

## V

(Avviżi)

## PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

## KUMMISSJONI

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.4757 — Nordic Capital/Thule)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2007/C 139/07)

1. FIL-15 ta' Ġunju 2007, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li permezz tagħha Nordic Capital VI Limited ("Nordic Capital", taċ-Channel Islands) takkwista skond it-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill il-kontroll tat-totalità ta' Thule AB ("Thule", ta' l-Iżvezja), permezz ta' xiri ta' ishma.
2. L-attivitajiet kummerċjali ta' l-impriżi kkonċernati huma:
  - għal Nordic Capital: fond ta' investment b'konċentrazzjoni fuq ir-reġjun Nordiku
  - għal Thule: il-manifattura u l-bejgħ ta' sistemi għall-ġarr tat-tagħbija għal karozzi tal-passiġġieri, *tow bars* u *wiring kits* għal karozzi tal-passiġġieri u vetturi kbar, aċċessorji għal vetturi ta' rikreazzjoni u ktajjen għall-borra.
3. Wara analiżi preliminari, il-Kummissjoni jidhrilha li l-operazzjoni notifikata tista' tiġi kkunsidrata fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni aħħarija dwar dan il-punt hija riżervata.
4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi interessati sabiex iressquilha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Dawn il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-fax (fax nru (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.4757 — Nordic Capital/Thule, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni,  
Reġistru ta' l-Amalgamazzjonijiet  
J-70  
B-1049 Bruxelles/Brussel

---

(<sup>1</sup>) ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.